# Sabbara - Il-Pjanta Ta' L-Aloe

## F'Rabta mal-Hwat f'tal-Gruwa u fi Mgarr ix-Xini

minn Consiglia Azzopardi M.Phil.

Fil-magazine maħruġ f'Lulju tas-sena 2001 kont ktibt fuq il-ħwat li jinsabu mħaffrin fuq il-blat li jilqa' il-Wied ta' Mġarr ix-Xini fl-inħawi tal-Gruwa u tas-Salvatur. Kont iddeskrivejt il-pożizzjoni ta' xi wħud minnhom, u għidt li fost id-diversi teoriji ta' l-iskop li għalihom ġew imħaffra kien hemm dik ta' l-ipproċessar ta' xi kwalita ta' qanneb mill-pjanti li kienu jikbru fuq l-irdumijiet.

**Ħwat maqtugħa fil-Blat**

Dan l-aħħar inkixfu aktar ħwat kemm fl-istess inħawi u kemm fil-Għolja tan-Nuffara; b'kollox issa hemm għaxar ħwat magħrufin, bl-ikbar tnejn li jikkonsistu f'kumplessi sħaħ nstabu proprju mdendlin għal fuq qiegħ il-Wied ta' Mġarr ix-Xini. Dawn qed jiġu mnaddfa mill-ħamrija, skavati u dokumentati b'mod xjentifiku minn grupp ta' studenti u membri tal-'Heritage Malta' fuq l-inizjattiva tal-arkeoloġist George Azzopardi minn ta' Sannat, li jistinka kemm jiflaħ u jaħdem b'tant sagrifiċċju fix-xemx tisreġ tas-sajf biex dawn il-lokalitajiet ta' nteress storiku u kulturali jinkixfu dment li l-wied ma jkunx fih ilma.

Daż-żmien, dawn il-kumplessi qed ikunu mgħarrqin bl-ilma tal-wied, u ma jintlaħqux malli jibda jinġabar l-ilma tax-xita; dan sata' ġara minn xi ħamsin sena ilu mindu nbniet id-diega biex tilqa' l-ilma tax-xita u żżommu milli jibqa' ħiereġ dritt għall-baħar. Hu x'inhu kollox juri li kien hemm industrija kbira u organizzata tajjeb, u jidher li m'ilux bosta snin li dawn il-ħwat kien għadhom jaħdmu fihom! Il-misteru hu x'setgħu kienu jipproċessaw hawnhekk?


*Ħwat*

**Il-Pjanta tas-Sabbara**

Il-biċċa kważi solviet ruħha meta dan l-aħħar Anna Halikova u Alena Samohylova konservista u botanista f'mużew tat-Tessuti ġo Praga, ġew fostna biex jgħallmuna kif naħdmu bit-teknika ta' l-'Sprang'. Fi żjara li għamilna f'Ta' Ċenċ mal-ewwel xeħtu għajnejhom fuq il-pjanta ta' l-'Aloe' li tikber għall-beraħ bl-iktar mod naturali u salvaġġ qalb il-busbies u x-xewk; preżentament tinsab imferrxa b'mod speċjali ħdejn il-ġibjun, u ma tistax ma tarahiex kif taqbad dieħel għax-Xagħra ta' Ċenċ. "Mill-weraq ta' din il-pjanta joħorġu ħjut li huma b'saħħithom ħafna," qaluli filwaqt li fetħu werqa maqsuma li ġabru minn ġol-ħuxlief. Ħsiebi mal-ewwel mar fuq il-ħwat li hemm fuq il-blat tal-viċin. Ma nagħmlux mod li kien dan il-weraq li kienu jipproċessaw hemmhekk ?!

Il-pjanta **Aloe Vera** bil-Malti nsibuha bl-isem ta' **Sabbara**, kelma ġenerika li tingħad għal diversi speċi ta' *aloe* u li jfisser 'dak li jsabbar jew ifarraġ'. Hekk insibu **Wied is-Sabbar**, li jinsab

fil-ħara ta' Ċenċ u li minn ġox-Xagħra l-Kbira jinżel fid-daħla żgħira magħrufa bħala l-Kantra. Dr. J. Bezzina f'*Sannat Fi Ġrajjet Għawdex* jgħid li aktarx li dan il-wied issemma għal din il-pjanta. Kemm Profs. J. Aquilina fil-*Maltese English Dictionary* u kemm Profs Erin Serracino-Inglott f'*Il-Miklem Malti* t-tnejn iżidu jsemmu wkoll li l-kelma ġie li ngħatat '**Żabbara**' minn xi botaniċi.




Is-Sabbara hi xitla msaġġra tal-ġens *liliaceae*, b'zokk oħxon u qasir xi ftit għudi, b'ħafna nbieta minn taħt, sukkulenti. Għandha weraq ta' lewn aħdar safrani, tawwali, imlaħħam u b'xewka iebsa fil-ponta, b'magħleb li jogħla sa tmin metri li fih jiddendlu bħal fjuri żgħar sofor. Il-weraq oħxon li ġej għal ponta u jnigges jikbru minn ġo zokk qasir kważi mill-art. M'hix għamla ta' cactus, imma hi speċi mir-razza tal-ġilju msejjaħ 'aloe' bħalma huma mill-istess razza il-basla, it-tewm u l-ġidra. Kull pjanta jkollha bejn 12 u 16 il-werqa, li jiġu maħsuda kull sitt ġimgħat billi jaqtgħulhom minn tlieta sa erba' werqiet kull pjanta. Hemm 'il fuq minn 250 speċi ta' *aloe* jikbru madwar id-dinja. Tissaporti n-nixfa u tħobb ħafna xemx qawwija, għalhekk tikber salvaġġa bħal f'Wied is-Sabbar Għawdex u f'Kemmuna, imma hi kkultivata fil-ġonna anke pubbliċi bħal fil-Buskett Malta.

**Pjanta Mediċinali**

Din il-pjanta tropikali għandha storja li tmur lura fl-istorja sa minn żmien il-Bibja, u minn dejjem kienet imsemmiha bħala pjanta mediċinali li sservi biex tahji ħafna bżonnijiet. Kienu jiddobbaw biha għal uġiegħ differenti, u l-meraq li joħroġ meta jaqsmu l-werqa kien applikat bħala dlik għal fuq ħruq, raxx, irritazzjoni minn ħxejjex valenusi, biex ifejjqu qtugħ, u biex itaffu l-uġiegħ meta jieħdu x-xewka tan-naħal jew jingidmu minn xi nsett. Is-sugu kienu wkoll jindilku bih għax hu ngredjent għas-sbuħija u jgħin biex ma jħallix il-ġilda titkemmex. Jidher li l-antenati tagħna wkoll kienu jagħmlu użu minnha u kien għalhekk li lill-pjanta tawha l-isem ta' 'Sabbara' għax isserraħ mill-uġieħ u ssabbar fi żmien il-għawġ.

Fil-bidu, barra minn Malta, l-kummerċ ta' din il-pjanta kien billi jiġbru ċertu likwidu *sap* li minnu jagħmlu 'Aloe Vera Gel'. Sabu li dan fih ħafna minerali, proteini, vitamini u stimjulanti tajbin ħafna għall-ġilda. Dan l-aħħar 50 sena sar ħafna żvilup fuq l-istudju ta' din l-pjanta u bdew idaħħluh f'xarbiet nutritivi, fil-mediċini u fil-kosmetiċi. L-ipproċessar tal-weraq ta' din il-pjanta 'kważi maġika għall-fejqan' qed issir industrija kbira li għandha ġejjieni sabiħ.

**Minn Qanneb għal Ħbula**

Imma mill-weraq joħroġ ukoll tip ta' qanneb li jinġabar wara li l-weraq ikun ġie mxarrab sa ma tinħall il-qoxra tiegħu biex minnhom ikunu jisgħu joħorġu s-suf. Wara dan is-suf jiġi mitfugħ fuq il-prieċi biex inixxfuh. Dan il-proċess seta kien isir ġo dawk il-ħwat li hemm imħaffrin ġol-blat billi jużaw l-ilma tal-wied. Probabli għalhekk ma kull ħawt ikun hemm imħaffrin it-toqob, biex dawn iservu ħalli fihom iwaqqfu lasti u magħhom jorbtu prieċi biex fuqhom inixxfu dan is-suf tal-ħaxix. Meta jinxef biżżejjed is-suf jagħżluh u jagħmluh ħajta twila twila u jkebbuh kobba jew jagħmluh marelli.

Dan it-tip ta' ħajt ikun iktar goff u jnigges imma b'saħħtu, għalhekk ma kinux jinżġuh fi ħwejjeġ. Għal dan il-kwalita ta' nsiġ kienu jużaw ħajt magħżul mit-tajjar li hu artab u komdu biex

jintlibes fuq il-laħam, iżomm il-ġisem sħun fix-xitwa u jixrob l-għaraq fil-ġranet sħan tas-sajf. Filwaqt li mill-ħajt tal-ħaxix kienu jagħmlu apparat ieħor li jintuża fil-biedja u fis-sajd; fost dawn kien hemm il-manifattura tal-ħbula. Prova ta' dan hi l-kelma fl'ilsien Malti (ġejja mill-Għarbi) **Żabbar tal-ħbula**, li tfisser wieħed li jagħmel il-ħbula miż-żabbara.

Forsi qatt ma waqafna naħsbu fuq din is-sengħa li biha jinħadem ħabel - fejn għadd ta' ħjut tal-qanneb mibruma ma' xulxin jagħmlu rbat, moħxon minn nofs saba' sa daqs galletta, ta' saħħa għaż-żamm jew irbit ta' dak li wieħed irid, bħal rbat, kurdun, spag oħxon, lenza, gumna, kejbil u biqa. Il-ħbula ntużaw għal diversi xogħlijiet fosthom biex jorbtu t-tgħabija fuq il-karrettuni, jorbtu l-bhejjem għax-xogħol fir-raba, jorbtu l-baqar, jorbtu x-xbiek u n-nassi tal-ħut fil-baħar u saħansitra jorbtu l-vapuri. Sa minn żmien l-Eġizzjani naraw stampi ta' lsiera jiġbdu ġebla kbira marbuta b'ħabel. Naturalment illum il-ħbula jsiru minn ħjut sintetiċi li jservu għal iktar żmien, ukoll meta mxarrbin bl-ilma baħar; dawk maħduma mill-ħaxix, li jissejħu ħbula tal-'ħalfa', jinqatgħu iktar malajr.

Bħal f'pajjiżi oħra, l-Maltin kienu jridu jkunu tas-sengħa biex jaħdmu ħabel. Tradizzjonalment kien jinħadem mill-**kurdar**. Dan kien ikejjel it-tul ta' ħabel li jkun irid u miegħu jżid biż-żejjed għad-dħul. Kien jorbot it-tarf ma' raddiena li jdawru bil-mod sa' ma jerġa jimxi matul il-kejl biex jirrepieti l-ħajt għal kemm il-darba. Wara jerġa' jobrom uħud minn dawn il-ħbula biex jagħmlu ħabel oħxon. Fil-Birgu hemm post jissejjaħ 'Is-Swar tal-Kurdara' għax fuq dawn is-swar kien hemm wisa bizzejjed bla ma jtellifhom ħadd, fejn kienu jifirxu dawn il-ħjut ħa jaħdmuhom ħbula. Probabli l-ħjut kienu jiġu mpurtati u l-ħbula kienu jinħadmu għall-użu fix-Xatt biex jgħabbu u jħottu l-vapuri.

## Il-Kurdara f'Għawdex

Sa ftit ilu fir-Rabat Għawdex ukoll kien għad fadal min jaħdem il-ħbula. Dawn kienu aħwa fil-familja Vento minn Bormla li qabel il-gwerra kienu jaħdmu l-ħbula fuq is-Swar tal-Kurdara u jiġu minn Malta biex ibiegħuhom fi Pjazza Savina. Fil-gwerra mbagħad ġew bħala refuġjati u baqgħu joqgħodu Għawdex. Kienu jixtru l-ħbula tal-vapuri mit-tarzna, jiftħuhom, jieħdu l-ħjut mill-qalba tagħhom li ma jkunux mittiekla bl-ilma baħar, u jerġgħu jaħdmu l-ħbula għad-daqsijiet li kien ikun meħtieġ.

Kienu jifirxu biex jaħdmu fiċ-Ċittadella, fl-intrata ta' quddiem il-ħabs fejn illum hemm il-ħwienet ta' l-artiġjanat. Kellhom raddiena kbira u l-marki fl-art biex ikejlu magħhom, kurdar idawwar ir-raddiena u ieħor jimxi matul il-qisien; hekk il-ħabel dejjem jinbaram u jitpoġġa f'għamla ta' kawwara qisha kannizz. Il-Ħadd fil-għodu kienu jarmaw bil-ħbula fi Pjazza Savina. Kien jaqta' l-qies mitlub minn min irid jixtri u, b'sengħa tal-għaġeb, fit-tarf kien jagħmillek ganċ, ħolqa jew rabta u għoqda malja biex ma jinfetaqx dak il-ħin stess f'kemm ilna ngħidu. Illum dawn il-marki tal-qisien m'għadhomx hemm - tgħattew meta dan l-aħħar l-art inksiet biċ-ċangatura. Il-ħanut ta' Pjazza Savina mnejn jinbiegħu l-ħbula għadu hemm u jiftaħ kull nhar ta' Sibt fil-għodu.

Il-pjanta tas-Sabbara ukoll għada hemm tirrenja ġo ġungla ta' arbuxelli, żdingata u kollha trab li jinġabar mill-kostruzzjoni tal-viċin, għax filwaqt li mitlufin wara n-negozju biex intellgħu vilel u blokkok ta' bini, ma nagħtux kas ta' l-ambjent rikk ta' madwarna. Li konna napprezzaw iżjed il-pjanti li ninsabu mdawwrin bihom, għax barra li jsebħu dawn fihom valuri mediċinali u terapewtiċi! Mhux li konna nieħdu ħsiebhom billi nħallulhom spazzju fejn jgħixu fl-ambjenti naturali tagħhom !!

**Referenzi:**
Aquilina Joseph *English Maltese Dictionary*
Erin Serracin Inglott *Il-Miklem Malti*
Bezzina Joseph *Sannat Fi Ġrajjet Għawdex*
http://www.ropesandtwines.com/ropemaking.asp
http://www.thegardenhelper.com/aloe-vera.html
Ħajr lil:
George Azzopardi minn Ta' Sannat, Ġużepp Sciberras (ta' Majs) minn Ta' Sannat, Austin Masini mix-Xewkija.